MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 411/2008

**Mark Schembri & Associates Limited u sussegwentement Mark Schembri & Sons Limited skont id-digriet datat it- 2 ta' Settembru, 2011**

**vs**

**Tarkett Holding GmbH gia` Tarkett Sommer International GmbH u Tarkett Holding GmbH Branch Malta gia` Tarkett Sommer International GmbH Branch Malta (OC – 228)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti datat l-24 t'April, 2008, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi hi kienet ikkommissjonata mis-socjeta` ntimata fuq indikata biex tistalla "*vinyl flooring*" u affarijiet ohra relatati fl-Isptar Mater Dei;

2. Illi wara li gew aggustati l-pagamenti reciproci u kkalkolat ix-xoghol involut flimkien ma' materjal supplit fl-20 t'Awwissu, 2007, irrizulta li s-socjetajiet intimati kienu debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' tmienja u erbghin elf, mija u tnejn u hamsin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€48,152.55), liema ammont kien ukoll approvat minn *Pricewaterhouse Coopers*;

3. Illi ghalhekk l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti hu ammont cert, likwidu u dovut, u s-socjetajiet intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu fil-konfront tieghu;

4. Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda alternattiva hlief li taderixxi din il-qorti u titlob is-segwenti:

i. Illi tipprocedi ghas-sentenza minghajr is-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167-170 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili;

ii. Illi tikkundanna lis-socjetajiet intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tmienja u erbghin elf, mija u tnejn u hamsin Ewro u disgha u tmenin centezmu, (€48,152.89);

iii. Bl-ispejjez kif mitluba fl-istess rikors promotur u bl-imghaxijiet legali mill-20 t'Awwissu, 2007, kontra s-socjetajiet intimati;

Rat in-nota tas-socjetajiet intimati li pero` la tirrizulta datata u lanqas regolarment ricevuta in atti minn min kien fid-dover li jirceviha, li permezz taghha ghar-raguni hemm indikata nfurmaw lill-qorti li s-socjeta` Tarkett Holding GmbH kellha kontro-talba fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, (ara fol 20);

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta li permezz tieghu akkordat it-terminu hemm indikat lis-socjetajiet intimati biex jipprezentaw ir-risposti taghhom u l-kontro-talba, (ara fol 21);

Rat ir-risposta guramentata tas-socjetajiet intimati fuq indikati datata t-13 ta’ Gunju, 2008, li permezz taghha sintetikament wiegbu bil-mod segwenti:

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti fil-konfront tal-intimati mhux dovut stante li x-xoghol ezegwit mis-socjeta` rikorrenti kien ezegwit hazin, b’mod traskurat u mhux skont is-sengha u l-arti;

2. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jitnaqqsu minn somma dovuta mill-istess socjeta` rikorrenti lis-socjetajiet intimati *ai termini* tal-kontro-talba ntavolata kontestwalment mal-istess risposta;

Rat il-kontro-talba tas-socjetajiet intimati, wkoll datata t-13 ta’ Gunju, 2008, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet giet ingaggata minn Tarkett Sommer International GmbH biex taghmel il-“*floor laying*” fil-Mater Dei, u dan, a bazi ta’ kuntratt appozitu in atti, (ara fol 4-6);

2. Illi x-xoghlijiet imwettqa mis-socjeta` rikorrenti rrizulta parti hazin jew traskurat, jew mhux skont is-sengha u l-arti;

3. Illi rizultat ta’ dan ix-xoghol skadenti, is-socjeta` Tarkett Holding GmbH sofriet danni;

4. Illi s-socjeta` rikonvenzjonanti diversi drabi nterpellat lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata biex tikkoregi x-xoghol ezegwit hazin kif fuq indikat u kienet kostretta tibghat Malta rapprezentanti taghha biex jassistu lis-socjeta` rikorrenti fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet dovuti biex jigi assikurat li dan isir skont is-sengha u l-arti;

5. Illi ghal dan, is-socjeta` rikonvenzjonanti nkorriet fi spejjez ammontanti ghal tmenin elf, seba mija u tnejn u sittin Ewro u tnejn u tmenin centezmu, (€80,762.82);

6. Illi sussegwentement is-socjeta` rikonvenzjonanti talbet il-hlas tas-somma ndikata fil-paragrafu precedenti mis-socjeta` rikorrenti, liema somma kienet effettivament imhallsa, (ara fol 80, paragrafu numru 6);

7. Illi *di piu*`, sussegwenti ghal dan il-pagament, is-socjeta` Tarkett Holding GmbH talbet lis-socjeta` ntimata biex thallas skont il-fattura mmarkata Dokument ‘F’, (kif indikata a fol 44), liema pagament pero` ma sarx;

8. Illi konsegwentement is-socjetajiet rikonvenzjonanti fuq indikati talbu li din il-qorti:

i. Tiddikjara lis-socjeta` rikorrenti hi responsabbli ghad-danni, (hlas ta’ spejjez inkorsi mis-socjetajiet rikonvenzjonanti), ghax-xoghol ta’ “*floor laying*” fil-Mater Dei ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

ii. Tikkundanna lill-istess socjeta` rikorrenti thallas is-somma ta’ tmenin elf, seba’ mija u tnejn u sittin Ewro u tnejn u tmenin centezmu, (€80,762.82), rapprezentanti d-danni *de quo* inkorsi mis-socjeta` rikonvenzjonanti;

iii. B’riserva ghal kwalunkwe azzjoni ohra lilhom spettanti u bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament;

Rat ir-risposta tas-socjeta` rikorrenti rikonvenuta ghall-kontro-talba tas-socjetajiet intimati rikonvenjenti datata s-7 ta’ Lulju, 2008, li permezz taghha wiegbet sintetikament is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tas-socjetajiet intimati rikonvenjenti huma irriti, nulli w inammissibbli stante li gia`

hemm kawza fl-ismijiet Dr. Malcolm Falzon nomine vs Mark Schembri & Associates Limited, Rikors Numru 82/2008 RCP, fejn qed jigu wkoll riklamati danni ghal xoghol allegatament ezegwit hazin u mhux skont is-sengha u l-arti, (ara fol 90 u 91);

2. Illi *di piu`*, s-socjetajiet intimati m'humiex il-legittimi kontradditturi fil-kontro-talba;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, parti mill-pretenzjonijiet tas-socjetajiet intimati huma preskritti *ai termini* tal-artikoli 2153 u 2156 (f) tal-Kodici Civili;

4. Illi *di piu`*, t-talbiet tas-socjetajiet intimati rikonenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li x-xoghlijiet saru kif saru ghal ragunijiet imputabbli lill-istess socjetajiet intimati rikonvenjenti;

5. Illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont reklamat hu ezagerat u mhux relatat max-xoghol allegatament ezegwit hazin jew mhux skont is-sengha u l-arti;

Rat il-verbal datat it-2 t'Ottubru, 2008, li permzz tieghu din id-darba, il-kawza l-ohra pendenti quddiem din il-qorti diversament preseduta hu indikat b'mod differenti, senjatament Citazzjoni Numru 42/08 RCP, (ara fol 95);

Rat id-digriet tal-qorti diversament preseduta datat l-10 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju hemm indikata biex tisma' l-provi kollha, (ara fol 121);

Ezaminat id-dokumenti ezageratament kopjuzi pprezentati;

Ezaminat ix-xhieda esebita f'forma t'affidavitijiet mill-partijiet koncernati u dik mismugha mill-assistent gudizzjarju fuq riferita;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata datata t-28 t'Awwissu, 2012;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetajiet intimati rikonvenzjonati datata t-28 ta' Settembru, 2012;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-11 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li m'ghandhom xejn x'izidu man-noti ta' sottomissjonijiet minnhom ipprezentati;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti fuq indikati hi naxxenti minn kuntratt datat it-8 ta' Mejju, 2002, (ara fol 4, 28 u 106), rigwardanti x-xoghlijiet ta' tqeghid ta' "*vinyl flooring*" fil-Mater Dei;

2. Illi biex jigi facilitat ix-xoghol *de quo* il-kontendenti waqqfu *skola* flimkien biex jghallmu lill-haddiema Maltin jeffettwaw ix-xoghol involut u allura b'hekk, ma jkunx hemm ghalfejn jingiebu haddiema esteri;

3. Illi l-imsemmija *skola* damet in operazzjoni ghal madwar xahrejn, (ara fol 428);

4. Illi peress li fit-tqeghid tal-"*vinyl flooring*" kienet tqum il-htiega li dan jinqata` madwar id-"*drains*", allura il-haddiema kellhom jigu mghallmin kif dan jaqtugh b'idejhom u dan, skont il-"*quality plan*" tas-socjetajiet intimati stess;

5. Illi meta l-impjegati hekk imharrga bdew jahdmu fuq is-sit u jeffettwaw dak li kienu mghallma, maghhom kien mar ukoll it-"*teacher*" biex jissorveljhom u jassistihom fuq il-lant tax-xoghol, (ara fol 429);

6. Illi wara li tlesta x-xoghol kollu nvolut kienu nqalghu diversi problemi fir-rigward;

7. Illi jirrizulta li l-problema kienet naxxenti mill-fatt li l-"*vinyl*" kien missu inqata' b'ghodda appozita msejha

"*Purus Knife*", u l-garanzija fir-rigward tinghata biss kemm –il darba x-xoghol involut jinqata' bl-uzu tal-imsemmi apparat ghalkemm gie wkoll ritenut li dan mhux il-kaz u l-apparat *de quo* m'ghadux jintuza l-Isvezja;

8. Illi l-problemi riskontrati setghu facilment jigu evitati, (ara fol 430);

9. Illi hu allegat li f'certu fazi tal-progett is-socjetajiet intimat abbandunaw il-progett u ma baqghux jaghmlu supervizjoni fuq is-sit tax-xoghol, (ara fol 432);

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost is-socjeta` rikorrenti ntavolat il-procedura odjerna bil-ghan li tithallas l-ammont fuq indikat ghas-servizzi rezi u materjal uzat fl-istallazzjoni ta' "*vinyl flooring*" u xoghol iehor relatat fis-sit fuq riferit;

Illi skont l-analizi finanzjarju *super partes* kondott minn *Pricewaterhouse Coopers*, jirrizulta li l-ammont dovut mis-socjetajiet intimati lis-socjeta` rikorrenti hu ta' tmienja u erbghin elf u disa' Ewro u tnejn u sittin centezmu, (€48,009.62), (ara fol 116);

Ikkunsidrat:

Illi s-socjetajiet intimati rikonvenzjonanti minn naha taghhom qed jirreklamaw l-ammont ta' tmenin elf, seba' mija u tnejn u sittin Ewro u tnejn u tmenin centezmu, (€80,762.82), bhala danni minnhom inkorsi ghax-xoghol hazin riskontrat;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li ghalkemm is-socjeta` rikorrenti kienet inghatat l-appalt ghax-xoghol in kwistjoni, ix-xoghol involut jirrizulta li kien sar taht is-sorveljanza u fuq l-istruzzjonijiet specifici tar-rapprezentanti tas-socjetajiet intimati mibghutin specifikament Malta biex iharrgu lill-impjegati tas-socjeta` ntimata u jissorveljawhom waqt l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet involuti;

Illi *di piu`*, jidher ukoll li xi ghodda wzati fl-esekuzzjoni tal-istess, ma tirrizultax li hi l-ahjar metodu li ghandu jigi wzat fir-rigward stante li jirrizulta li ghall-anqas fl-Isvezja l-uzu ta' din l-ghodda partikolari giet skartata;

Ikkunsidrat:

Illi rigward id-danni riklamati mis-socjetajiet intimati rikonvenzjonati ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

1. Illi l-problema in dizamina hi effettivament naxxenti mill-*Quality Plan* sottomessa mit-tekniku tas-socjetajiet intimati li kienet tistipula li d-"*drains*" kellhom jinqatghu manwalment bil-metodu ta' "*free hand*" u effettivament l-istess socjetajiet intimati kienu baghtu esperti appozitament biex jghallmu lill-haddiema lokali joperaw b'dan il-mod;

2. Illi jirrizulta li dan il-metodu kien imur kontra dak specifikatament indikat fic-cirkostanzi in dizamina;

3. Illi *di piu`*, jirrizulta assodat li wara perjodu ta' zmien jghallmu lill-haddiema kif fuq indikat, l-impjegati mibghuta appozitament Malta mis-socjetajiet intimati rtiraw mix-xena u lanqas baqghu jeffettwaw is-supervizjoni rikjesta u dan, *nonostante* li kienu kontrattwalment obbligati jaghmlu s-supervizjoni *de quo*;

4. Illi ghalhekk jirrizulta assodat sintetikament is-segwenti:

i. Illi s-socjetajiet intimati kienu li taw l-istruzzjonijiet li fuqhom hadmu l-impjegati tas-socjeta` rikorrenti;

ii. Illi dan ix-xoghol hekk ezegwit mill-istess impjegati sar taht is-supervizjoni tal-esperti mibghuta lokalment mis-s-socjetajiet intimati;

iii. Illi ghalhekk, kwalunkwe danni li jistghu jirrizultaw huma mputati lill-istess socjetajiet intimati u lill-esperti minnhom mibghuta Malta kif fuq riferit;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata rigwardanti l-preskrizzjoni, qed issir referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-28 t'Awwissu, 2012, fejn fit-tielet (3) pagna tal-istess iddikjarat li kienet qed tirtira l-istess eccezzjoni u konsegwentement qieghda ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess;

Ikkunsdirat:

Illi tenut kont tar-rizultanzi kif fuq esposti stante li s-socjetajiet intimati rikonvenzjonanti ma pprovawx id-danni minnhom reklamati, qed tirrespingi t-talbiet kollha tal-istess socjetajiet intimati rikonvenzjonanti bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Illi *di piu`*, wkoll tenut kont tal-fatti kif fuq sintetikament esposti u tar-rizultanzi fuq elenkati, tirrespingi r-risposti tal-istess socjetajiet intimati fuq riferiti u takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fuq indikata u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjetajiet intimati huma responsabbli ghall-pagament minnhom dovut lis-socjeta` rikorrenti ghax-xoghlijiet fuq riferiti;

2. Tillikwida l-ammont hekk dovut lis-socjeta` rikorrenti mis-socjetajiet intimati hu dak ta' tmienja u erbghin elf, u disgha Ewro u tnejn u sittin centezmu, (€48,009.62), *ai termini* tal-ammont kif determinat minn *Pricewaterhouse Coopers*, (ara fol 116);

3. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati *in solidum* biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mill-20 t’Awwissu, 2007, sad-data tal-effettiv pagament.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------